MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 52/2004/1

**Costa Brava Company Limited**

**vs**

**Dormax Promotional Printing Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta’ Marzu, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti;
>
> Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-28 ta’ Jannar 2004 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett elef disgha mija sitta u hamsin lira u zewg centezmi Maltin (LM3,956.02) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lilha liema prezz naqset li thallas minkejja diversi interpellanzi.

Bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi u bl-ispejjes.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta pprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Lulju 2004 fejn eccepiet illi:-

1. Preliminarjament hija mhiex il-legittimu kontradittrici u ghalhekk ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici tal-Kummerc, is-socjeta attrici ghandha tesebixxi l-kotba tal-kummerc taghha li jivverifikaw il-kreditu pretiz mill-istess socjeta.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-partijiet jittrattaw l-kawza odjerna quddiemha u jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u dan wara li din l-istess kawza kienet giet assenjata lilha nhar l-1 ta’ Frar 2007.
Ikkunsidrat.

Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta attrici kienet bieghhet lis-socjeta Dormax Company Limited (ara l-*invoices* relattivi immarkati bhala Dok. AG1 sa Dok. AG8 rispettivament) merkanzija konsistenti *f’ T-Shirts* u li l-istess

socjeta attrici baqghet ma thalsitx taghha u kien ghalhekk li giet istitwita din il-kawza. Is-socjeta attrici qeghda tallega illi ghal din il-konsenja ghandha twiegeb is-socjeta konvenuta odjerna.

Illi nhar is-26 ta'Jannar 2005 xehed Alfred Grech, direttur tas-socjeta attrici u pprezenta tmien (8) dokumenti, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. AG1 sa Dok. AG8 rispettivament. Dawn id-dokumenti jindikaw diversi konsenji ta' *T shirts* mis-socjeta attrici lis-socjeta Dormax Company Limited, u li fil-maggor parti saru bejn il-perjodu tat-23 ta' Frar 1999 u s-17 ta' Settembru 1999. L-istess xhud esebixxa ukoll dokument iehor u cioe statement dettaljat li gie markat bhala bhala Dok. AG9 mahrug fuq is-socjeta konvenuta odjerna u kkonferma li s-socjeta konvenuta qatt ma ghamlet pagament akkont tul dan il-perijodu kollu.

Spjega li fid-9 ta' Awissu 2002 huwa kien iltaqa' ma Clifford Micallef, direttur tas-socjeta konvenuta dwar din il-pendenza. F'din il-laqgha dan ix-xhud stqarr li Micallef kien irrikonoxxa d-debitu dovut mill-kumpanija minnu rapprezentata pero l-istess Micallef kien stqarr li huwa ghan-nom tas-socjeta *Stikki Labels* kellu jiehu xi flus minghand socjeta ohra bl-isem *Carant Trading* li taghha d-diretturi tas-socjeta attrici huma ukoll diretturi. Ghalhekk peress illi kien hemm konnessjonijiet bejn dawn iz-zewg kumpaniji Micallef xtaq li jkun hemm tpaccija.

Illi minn ricerka li ghamel dan ix-xhud irrizultalu li s-socjeta *Carant Trading* verament kienet debitrici ta-socjeta *Stikki Labels* fl-ammont ta' LM682.10 u mhux ta' Lm3,000 kif kien iddikjara Micallef waqt l-inkontru li kien sar bejniethom fid-9 ta' Awissu, 2002. Fil-11 ta' Dicembru 2003 dan ix-xhud baghat email indirizzata lil Clifford u infurmah li kien lest li jacetta li mill-hlas li jsir mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici huwa ihallas dak dovut mis-socjeta *Carant Trading* lis-socjeta *Stikki*

*Labels*. Minkejja din l-*email,* ix-xhud Alfred Grech jikkonferma li l-ebda hlas ma sar mis-socjeta konvenuta.

Illi nhar it-18 ta’ Mejju 2005 xehed James Clifford Micallef rapprezentant ta-socjeta konvenuta, u ikkonferma li verament kien sar dan l-inkontru imsemmi mix-xhud Alfred Grech u dan dwar il-kontijiet li kien hemm pendenti mertu tal-kawza. Qabel ukoll ma dak li qal dwar il-flejjes li kellha tiehu is-socjeta *Stikki Labels* minghand is-socjeta *Carant Trading* pero kkonferma li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici minghand is-socjeta konvenuta ma kienx korrett.

Illi nhar it-12 ta’ Ottubru 2005 xehdet Nathalie Farrugia in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji u spjegat illi s-socjeta *D.P. Company Limited* ma kienitx ghadha qed topera u li din kienet giet diviza fi tlett socjetajiet ohra fosthom dik konvenuta. Hija esebiet id-dokumentazzjoni relattiva ghal tali divizjoni.

Illi minn ezami tad-dokument mizmum mar-Registratur tal-Kumpaniji u cioe mill-*Memorandum and Articles of Association* jirrizulta li s-socjeta konvenuta assumiet id-debitu li kellha s-socjeta *Dormax Press Company Limited* fir-rigward ta’ *trade creditors* ohra fl-ammont ta’ Lm111,891.00.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha l-ewwel titratta l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u cioe li m’hiex il-legittimu kontradittrici. Sabiex il-Qorti titratta tali eccezzjoni kellha bil-fors tivverifika jekk il-persuna citata bhala konvenuta kienitx verament u materjalment involuta fin-negozju li skond is-socjeta attrici holqot ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

F’kaz imbaghad li din il-Qorti tistabilixxi li s-socjeta konvenuta citata hija l-persuna idoneja biex tirrispondi ghat-tabiet attrici in kwantu dawn ikunu jaddebitaw obligazzjoni, allura imbaghad sta ghas-socjeta attrici tissodisfa lil-Qorti illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ma’ humiex validi skond il-ligi.

Minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta attrici u cioe minn ezami tad-dokumenti AG1 sa AG8 jirrizulta li l-*invoices* tas-socjeta attrici Costa Brava Company Limited kienu qed jigu indirizzati lis-socjeta Dormax Company Limited u mhux indirizzati lis-socjeta konvenuta Dormax Promotional Printing Limited. Huwa biss id-Dok. AG9 li huwa *statement* datat 18 ta’ Marzu, 2003 li huwa indirizzat lis-socjeta konvenuta kif imharrka. Dwar dan ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni mill-partijiet. Lanqas ma huwa kontestat il-kontenut tal-*invoices*, li minn qari taghhom jirrizulta illi l-merkanzija kienet inbieghet bejn Frar u Settembru, 1999.

Illi skond id-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentant tar-registratur tal-Kumpaniji fit-12 ta’ Ottubru, 2005 u senjatament skond il-*memorandum and articles of association* tas-socjeta konvenuta Dormax Promotional Printing Limited, ghandu jirrizulta illi l-istess socjeta konvenuta giet registrata fid-29 ta’ Dicembru, 2000. Ghalhekk jidher li is-socjeta konvenuta ma kellhiex x’taqsam man-negozju de quo.

Illi l-Qorti tirrileva illi kif gew prodotti l-provi da parti tas-socjeta attrici, zgur li dawn ma jistghux jagevolaw it-tezi imressqa minnha u cioe li Dormax Company Limited kellha taghti xi flus lilha u dan peress illi anke minn dak li xehed Clifford Micallef nhar l-1 ta’ Novembru, 2006 “*Dormax Co. Ltd pero qatt ma ezistiet*”.

> Illi s-socjeta attrici irnexxilha biss tipprova illi d-debitur taghha kienet Dormax Company Limited socjeta li irrizulta li qatt ma ezistiet u ghalhekk wisq inqas innegozjat. Dan il-fatt, kif diga inghad huwa ikkonfermat mill-istess Clifford Micallef, meta qal illi l-ebda kumpanija b'dak l-isem ma qatt ezistiet.
>
> Mill-banda l-ohra, is-socjeta attrici ma irnexxilhiex tipprova a sodisfazzjoni tal-Qorti illi is-socjeta konvenuta kellha b'xi mod taqsam ma dan id-debitu.
>
> Illi ghalhekk din il-Qorti sejra takkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.
>
> GHALDAQSTANT il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta fis-sens li qed tiddikjara li s-socjeta konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici, tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra imresqa mill-istess socjeta konvenuta u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Bl-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta attrici.**"**

Is-socjeta` attrici tikkontesta din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti bl-aggravju li din fehmet hazin in-natura tar-relazzjoni kontrattwali ezistenti u naqset milli tikkunsidra kif jixraq dan l-istess rapport fl-isfond tad-divizjoni tal-kumpaniji;

Huwa ferm opportun illi ghall-ezami akkurat tal-kwestjoni involuta jigu ri-epilogati dawn il-fatti kif johorgu mill-inkartament tal-kaz:-

(1) Fl-1999 il-kumpanija attrici bieghet *T-shirts* u qomos lil kumpanija Dormax Company Ltd (ara *invoices*

minn fol. 20 sa fol. 27) biex din tipprintja fuqhom u tiddisponi minnhom kif trid;

(2) Jinghad minn Alfred Grech, rapprezentant tas-socjeta` attrici, illi meta gew pjazzati l-ordnijiet minn Clifford Micallef dan qallu li kien qed jagixxi f' isem Dormax Co Ltd, u ghalhekk inhargu l-fatturi bl-isem ta' din il-kumpanija. Zied jghid illi wara l-inkontru li kellu ma' l-istess Clifford Micallef dan informah biex l-i*statement* jibghatu lis-socjeta` konvenuta, imwielda mid-divizjoni tal-kumpanija surreferita. Hekk fil-fatt sar, kif attestat mill-*Invoice* datata 18 ta' Marzu 2003, inkorporanti l-fatturi l-ohra precedenti indirizzati lil Dormax Co. Ltd (ara dokument a fol. 28);

(3) L-imsemmi Clifford Micallef jiddikjara li l-kumpanija Dormax Co. Ltd qatt ma ezistiet izda jirrikonoxxi li Dormax Press Co. Ltd, li kienet dik effettivament operativa qabel ma giet likwidata kienet ghamlet ordnijiet lis-socjeta` attrici. Ara xhieda tieghu a fol. 70;

(4) Hu accettat illi l-kumpanija D. P. Company Limited, formata bejn l-istess Clifford Micallef u huh, giet diviza u l-assi taghha, flimkien mal-krediti u debiti taghha, allokati lil diversi kumpaniji; fosthom, lis-socjeta` konvenuta li assorbiet d-debiti sa l-ammont ta' Lm55,376. Ara dokumenti minn fol. 36 sa fol. 56 u x-xhieda ta' Nathalie Farrugia, rapprezentanti tar-Registratur tal-Kumpaniji, a fol. 63;

(5) Hu wkoll rikonoxxut illi fuq "il-kotba ta' D. P. Company Limited kien jidher li kien hemm xi debitu lejn Costa Brava Co. Ltd". Dan kif mistqarr minn Clifford Micallef a fol. 71;

(6) Jirrizulta li l-kumpanija D. P. Company Limited giet "*struck off*" fit-23 ta' Dicembru 2003, mentri s-socjeta` konvenuta giet registrata fid-29 ta' Dicembru 2000. Ara l-istatuti relattivi a fol. 65;

Fl-isfond ta’ dawn l-elementi ta’ provi l-ewwel Qorti ghaddiet biex takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta in bazi ghar-ragonament illi qatt ma ezistiet kumpanija bl-isem Dormax Company Limited ghal liema jirreferu l-*invoices* u la l-kumpanja konvenuta giet biss imwaqqfa fid-29 ta’ Dicembru, 2000 isegwi li din ma kellha xejn x’ taqsam man-negozju in kwestjoni. Bir-rispett dovut, ma jidherx li dan ir-ragonament u konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti jista’ jigi leggerment kondiviz meta mqeghda fil-kwadru komplessiv u unitarju tal-fattispeci singolari u partikulari tal-kaz;

Din il-Qorti thoss li in linea preliminari ghandha tibda biex tirregistra illi r-relazzjonijiet negozjali jitwieldu minn att jew atti miranti ghall-produzzjoni ta’ effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Ara, in tema, is-sentenza recenzjuri ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Gunju 2007 fil-kawza fl-ismijiet “**Gutenberg Press Ltd -vs- Mario Camilleri *nomine***”. Tradott dan ghall-fattispeci ghandu jfisser, fuq l-attendibilita` tax-xhieda u ta’ l-*invoices*, ir-rapport krejat bejn is-socjeta` attrici appellanti u s-socjeta` Dormax Co. Ltd. Gjaladarba, pero`, irrizulta li din l-ahhar imsemmija socjeta` ma tezistix hu evidenti li l-*invoices* ma jirriflettux il-veru suggett destinatarju fit-traffiku tal-kontrattazzjonijiet li saru. Dan jista’ jkun dovut ghal fatt illi meta gew pjazzati l-ordnijiet isem il-kumpanija akkwirenti gie indikat erronjament jew, ukoll, miftiehem hazin mill-kumpanija attrici. Jibqa’ l-fatt li l-ordnijiet saru, l-merce giet konsenjata, u d-debitu relattiv inskritt fil-kotba tal-kumpanija D. P. Company Limited. Dan fuq l-ammissjoni ta’ l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta;

Apparentement, minn dan rifless, il-kumpanija debitrici tas-socjeta` attrici kellha strettament tkun is-socjeta` D. P. Company Limited ghax, fil-verita, il-kontrattazzjonijiet saru ma’ din, u mhux ukoll ma’ xi kumpanija effimera li fir-realta ma tezistix. Mhux eskluz fil-prattika, specjalment fejn ikunu jezistu kumpaniji diversi fi grupp, illi jsiru zbalji fl-intestatura ta’ isem il-kumpanija fuq l-*invoices*. Dan, pero`, ma ghandux, ghal dan il-fatt, jarreka zvantaggi jew

vantaggi, skond mil-liema ottika wiehed ihares lejn il-kwestjoni. Certi espedjenti mhux biss ma jikkonformawx ghar-realta` guridika vera izda wkoll ma jirrendux il-gustizzja dovuta, ghax jekk, kif verifikat, kienet is-socjeta` D. P. Company Limited li uzufruwit ruhha mill-merce kkonsenjata din ma tistax tippretendi li tista' tehles mir-responsabilita` taghha tal-pagament, semplicement fuq l-assunt illi l-*invoices* ma jsejhux lilha;

Raggunta din il-fehma fil-Qorti, hu doveruz li jigi issa ezaminat jekk is-socjeta` konvenuta ghandhiex, tabilhaqq, rapport processwali mad-domanda tas-socjeta` attrici ghal hlas u, allura, ghandhiex tikkonfigura bhala l-kontradittur legittimu;

Kif gja osservat, l-ewwel Qorti irriteniet illi meta saru l-kontrattazzjonijiet fl-1999 is-socjeta` konvenuta ma kienetx ghadha mwaqqfa in kwantu din giet biss krejata lejn l-ahhar tas-sena 2000. Dan huwa veru. Daqstant iehor jkollu jinghad li huwa veru illi, fl-isfond tal-kwadru tal-provi, huma prospettati zewg negozji distinti, ghalkemm kollegati. Wiehed minnhom hu dak tal-bejgh tal-merce lil D. P. Company Limited, ammess li din kienet il-vera debitrici. Tat-tieni, kostitwit bid-divizjoni ta' din is-socjeta` u fejn id-debiti taghha gew mill-kondividendi delegati fost diversi kumpaniji, kompriz is-socjeta` konvenuta. Fil-koncezzjoni omni-komprensiva ta' socjeta` jew azjenda, bhala kumpless li lilha jappartjenu r-rapporti guridici inerenti ghaliha, mhux infrekwenti li flimkien mad-divizjoni ta' l-assi taghha jigu trasferiti wkoll il-kuntratti ezistenti jew il-krediti u d-debiti taghha. Dan hu proprju dak li jidher li avvera ruhu anke fil-kaz prezenti. Dan pero` mhux bizzejjed ghax, kif inhu saput, biex ikollok sitwazzjoni ta' debitur gdid minflok il-qadim trid tirrizulta l-accettazzjoni da parti tal-kreditur. F' dan il-kaz jirrizulta li din l-accettazzjoni kien hemm mis-socjeta` attrici kreditrici. Dan kif rispekkjat minn dik l-imgieba konkludenti taghha li, fuq is-senjalazzjoni lilha maghmula minn Clifford Micallef, accettat li tindirizza l-i*statement* tal-kreditu taghha lis-socjeta` konvenuta. Ragonevolment, hu desumibbli li dan

ghamlitu ghax, dejjem fuq dik l-istess senjalazzjoni tax-xhud imsemmi, il-kumpanija debitrici originarja waqqfet mill-attivitajiet operazzjonali taghha u kienet in procint ta' divizjoni;

F' din il-prospettiva tezisti dik l-esigenza li s-socjeta` kreditrici tigi tutelata fid-drittijiet taghha di fronte ghal fatt li d-divizjoni gabet ukoll ghaliha l-privazzjoni tal-kumpanija debitrici originarja taghha. F' dawn ic-cirkustanzi, u taht dan il-profil, din il-Qorti ma tistax tabbraccja r-ragonament ta' l-ewwel Qorti illi l-kumpanija konvenuta ma hijiex il-litiskonsorzju idoneju biex twiegeb ghat-talba ghall-hlas tas-somma domandata. Dan s' intendi, salv u impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra ventilati mill-kumpanija konvenuta li ghandhom jigu mistharrga mill-ewwel Qorti wara r-rimessa lilha tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata li biha akkoljiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni u decizjoni minnha tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra moghtija. L-ispejjez gudizzjarji kollha s' issa inkorsi jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------